MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 4/2013

**Cutajar Limited**
**C 4975**

**vs**

**Danny Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija disgha u disghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€699.57) ammont bilancjali dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici ghal merkanzija kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra legali tad-9 ta’ Ottubru, 2012, u bl-imghax legali mit-18 ta’ Jannar , 2012 data ta’ l-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija disgha u disghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€699.57), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------